REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1236

tas-7 ta' Lulju 2017

li jiffissa r-rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti skont ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sena kalendarja 2017

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għandha tiġi stabbilita riżerva maħsuba biex tipprovdi appoġġ addizzjonali għas-settur agrikolu f'każ ta' kriżijiet kbar li jolqtu l-produzzjoni jew id-distribuzzjoni agrikola, billi fil-bidu ta' kull sena, jiġi applikat tnaqqis fil-pagamenti diretti permezz tal-mekkaniżmu tad-dixxiplina finanzjarja msemmi fl-Artikolu 26 ta' dak ir-Regolament.

(2) L-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jipprevedi li sabiex jiġi żgurat li jitħarsu l-limiti massimi annwali stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ([2]) għall-finanzjament tan-nefqa relatata mas-suq u tal-pagamenti diretti, jeħtieġ li tiġi determinata rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti meta l-previżjonijiet tal-finanzjament tal-miżuri ffinanzjati skont dak is-sublimitu għal sena finanzjarja partikolari jindikaw li jkunu se jinqabżu l-limiti massimi annwali applikabbli.

(3) L-ammont tar-riżerva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu, inkluż fl-Abbozz tal-Baġit tal-Kummissjoni għall-2018, jammonta għal EUR 459,5 miljun fi prezzijiet attwali. Biex jiġi kopert dak l-ammont, jenħtieġ li l-mekkaniżmu tad-dixxiplina finanzjarja japplika għall-pagamenti diretti fil-qafas tal-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I tar-Regolamenttal-Kunsill (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) fir-rigward tas-sena kalendarja 2017.

(4) Il-previżjonijiet għall-pagamenti diretti u n-nefqa relatata mas-suq iddeterminati fl-Abbozz tal-Baġit 2018 tal-Kummissjoni jindikaw li ma hemmx bżonn ta' aktar dixxiplina finanzjarja.

(5) Filwaqt li taġixxi f'konformità mal-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jiffissa r-rata ta' aġġustament stipulata fir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 għall-pagamenti diretti fir-rigward tas-sena kalendarja 2017 ([4]) fit-30 ta' Marzu 2017.

(6) Sat-30 ta' Ġunju 2017 il-Parlament Ewropew u l-Kunsill kienu għadhom ma ddeterminawx dik ir-rata ta' aġġustament. Għaldaqstant, f'konformità mal-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, il-Kummissjoni għandha tiffissa r-rata ta' aġġustament permezz ta' att ta' implimentazzjoni u għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill immedjatament dwar dan.

(7) F'konformità mal-Artikolu 26(4) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ir-rata ta' aġġustament tista' tiġi adattata mill-Kummissjoni sal-1 ta' Diċembru 2017, abbażi ta' informazzjoni ġdida fil-pussess tagħha. Fil-każ ta' informazzjoni ġdida, il-Kummissjoni se tqisha u se tadotta Regolament ta' Implimentazzjoni li jadatta r-rata ta' aġġustament sal-1 ta' Diċembru 2017, fil-kuntest tal-Ittra Emendatorja għall-Abbozz tal-Baġit tal-2018.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat- 2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

([4]) COM(2017) 150.

(8) Bħala regola ġenerali, il-bdiewa li jressqu applikazzjoni għall-għajnuna għal pagamenti diretti għal sena kalendarja waħda (N) jitħallsu f'perjodu tal-pagamenti fiss li jkun fis-sena finanzjarja (N+1). Madankollu, l-Istati Membri jistgħu, sa ċertu limitu, iħallsu l-pagamenti lill-bdiewa wara dak il-perjodu tal-pagamenti. Dawn il-pagamenti tardivi jistgħu jsiru f'sena finanzjarja sussegwenti. Meta d-dixxiplina finanzjarja tiġi applikata għal sena kalendarja partikolari, jenħtieġ li ma tiġix applikata r-rata ta' aġġustament fuq dawk il-pagamenti li l-applikazzjonijiet għall-għajnuna tagħhom ikunu tressqu fi snin kalendarji li mhumiex is-sena kalendarja li għaliha tapplika d-dixxiplina finanzjarja. Għalhekk, biex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-bdiewa, jixraq li jiġi previst li r-rata ta' aġġustament tiġi applikata biss għall-pagamenti li għalihom ikunu tressqu l-applikazzjonijiet għall-għajnuna fis-sena kalendarja meta tapplika d-dixxiplina finanzjarja, irrispettivament minn meta jsir il-pagament lill-bdiewa.

(9) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jipprevedi li r-rata ta' aġġustament applikata għall-pagamenti diretti ddeterminati skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, għandha tapplika biss għall-pagamenti diretti li jaqbżu l-EUR 2 000 u li għandhom jingħataw lill-bdiewa fis-sena kalendarja korrispondenti. Barra minn hekk, l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jipprevedi li, minħabba l-introduzzjoni gradwali tal-pagamenti diretti, ir-rata ta' aġġustament ma għandhiex tibda tapplika għall-Kroazja mil-1 ta' Jannar 2022 biss. B'hekk, jenħtieġ li r-rata ta' aġġustament li għandha tiġi ddeterminata permezz ta' dan ir-Regolament ma tapplikax għal pagamenti lill-bdiewa f'dak l-Istat Membru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għall-fini li tiġi ffissata r-rata ta' aġġustament b'konformità mal-Artikoli 25 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, u b'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-ammonti tal-pagamenti diretti fl-iskemi ta' appoġġ elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, li jkunu ta' iktar minn EUR 2 000 u li għandhom jingħataw lill-bdiewa għal applikazzjoni għall-għajnuna mressqa fir-rigward tas-sena kalendarja 2017, għandhom jitnaqqsu b'rata ta' aġġustament ta' 1,388149 %.

2. It-tnaqqis previst fil-paragrafu 1 ma għandux japplika fil-Kroazja.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Lulju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER